MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2012

Numru. 1239/2011

**Il-Pulizija**
(Spettur Frans Micallef)

**vs.**

**Josephine Farrugia**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’ Josephine Farrugia ta’ erbgha u erbghin (44) sena mart George, bint Michael Vella u Angela nee’ Zammit, imwielda Pieta fit-12 ta’ Dicembru 1966 u li toqghod ‘Oriana’, 68, Triq l-Imnarja, B’Bugia, detentrici tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 347466(M) akkuzata talli:

Fl-Isptar San Vincenz De Paule, Hal Luqa, fil-lejl ta’ bejn is-17 u t-18 ta’ April 2011 ikkommettiet serq ta’ oggetti, liema serq ghandu valur ta’ anqas minn mitejn u tlieta u tletin Euro (€ 233) izda li huwa kwalifikat, bil-hin u bil-persuna, ghad-detriment tal-Gvern ta’ Malta;

Fl-istess data u fil-granet ta’ wara, f’dawn il-gzejjer, xjentement laqghet ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b’kull mod li jkun, indahlet sabiex tbieghhom jew tmexxihom.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.[1]

Rat illi l-imputata ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.[2]

Semghet il-provi u t-trattazjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-fatti ta’ dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin.  Fit-18 ta’ April 2011, saret spezzjoni fuq vettura misjuqa minn l-imputata, impjegata fl-Isptar San Vincenz De Paule, hi u hierga mill-Isptar imsemmi u nstabu fuqha numru ta’ medicini. Il-Prosekuzzjoni tikkontendi li l-imputata qabdet u hadet dawn il-medicini minghajr awtorizzazzjoni u minghajr ma segwit il-proceduri necessarji.

**Spettur Frans Micallef**[3] xehed illi fit-18 ta’ April 2011, Carmelo Said bhala Security fl-Isptar San Vincenz de Paul ghamel rapport ghand il-Pulizija li l-imputata, impjegata fl-isptar imsemmi, nstabu fuqha xi pinnoli fil-*handbag* taghha.  Kompla jghid li l-imputata kienet ammettiet mieghu (ma’ l-Ispettur) li kienet hadet dawn il-pilloli pero qalet li  kienet procedura normali ghax kienet intitolata ghal dawk il-pinnoli.  Mill-investigazzjonijiet li ghamel l-Ispettur irrizultalu li f’xi zmien kien hemm xi *card* pero din ma kienitx ghadha tezisti.  Dan l-Ispettur ivverifikah biss mas-*security*.  Jghid li l-imputata qaltlu li l-pinnoli ma kienux ghaliha pero ghal missierha u li kellha bzonnhom urgenti.

[1] *Fol.* 12 tal-process.
[2] *Fol.* 5 tal-process.
[3] *Fol.* 6 *et seq.* tal-process.

**Carmelo Said**[4] (Principal Security Officer) xehed li waqt li kienet qed issir spezzjoni ta' rutina fuq il-vetturi hergin mill-Isptar instabu xi medicina fil-basket tal-imputata. Xehed illi s-sistema go l-Isptar hija li impjegati ghandhom kartuna griza biex meta jkollhom bzonn pinnoli ghalihom personali jaghmlu ricetta u jgibuha mill-ispizerija u mhux minn gos-swali. Ikkonferma li din ghadha fis-sehh. Jghid li bhala valur tal-affarijiet li nstabu fuq l-imputata kienu jammontaw ghal 40 Euro. Jghid li l-imputata ma mxietx mal-procedura biex tiehu l-affarijiet li hadet. Jghid li l-gurnata kienet dik tal-Hadd u li kien ppermetta lill-imputata tiehu *inhaler*. Jghid ukoll li r-ricetta li semma aktar qabel trid tohrog f'isem il-haddiem personali. Jghid li l-imputata ma mxietx ma' din il-procedura.

**Josef Camilleri**[5] (Security Officer) jghid li waqt li kienet qed issir spezzjoni ta' rutina fuq vettura hierga mill-isptar instab baskett b'affarijiet medicinali go fihom. Jghid li l-imputata kellha bzonn dawn l-affarijiet urgenti minhabba missierha. Ikkonferma li l-imputata talbithom *inhaler* u tawhula. Ikkonferma wkoll rapport redatt minnu li gie mmarkata bhala Dok. "JC 1"[6]. Jghid li bhala impjegat tal-Isptar ghandu kartuna mahruga mid-Dipartiment.

**Mario Borg**[7] (Security) jghid li kien *duty* fis-17 ta' April 2011 u li meta kienet qed issir tfittxija: *"sibna 'il Josephine, sibnilha l-pinnoli hux"*[8]. Jikkonferma li l-haddiema tal-Isptar San Vincenz ghandhom dritt jiehdu l-pinnoli ghall-uzu personali taghhom u jirreferi wkoll ghal fatt li bhala impjegati ghandhom kartuna.

**L-imputata ghazlet li ma tixhidx f'dawn il-proceduri pero ressqet lil Colin Galea bhala xhud in difeza.**

**Colin Galea**[9] (Segretarju Generali tal-Malta Union of Midwives and Nurses) jixhed li b'dik li tissejjah il-kartuna l-

---

[4] *Fol.* 15 *et seq.* tal-process.
[5] *Fol.* 28 *et seq.* tal-process.
[6] *Fol.* 34 tal-process.
[7] *Fol.* 35 *et seq.* tal-process.
[8] *Fol.* 36 tal-process.
[9] *Fol.* 43 *et seq.* tal-process.

griza, haddiem tal-Gvern ikun intitolat jircievi medici b'xejn. Jghid li kien hemm *nurses* li kellhom l-kartuna l-griza u ohrajn ma kellhomx u li kien irrizulta li kellha issir revizjoni tal-*policy.* Jghid li l-affarijiet li l-imputata kienet semmietlu kienu kollha affarijiet li kieku kellha l-kartuna l-griza kienet tkun intitolata li tircivihom b'xejn. Jghid li sa fejn jaf hu ma kienitx inhargitilha l-kartuna l-griza lill-imputata. Ghad-domanda segwenti: *"Jigifieri jekk jiena infermier, m'ghandhiex il-karta l-griza f'idejja, pero ghandi bzonn pilloli li jaqghu taht il-formolarju, jiena bhala infermier qieghed f'xi pozizzjoni partikolari?"*[10], ix-xhud wiegeb hekk: *"Le jekk int m'ghandekx, tkellem in-nursing officer tieghek ghax tibda tiehu minn hemmhekk u tghidilha s-sitwazzjoni tieghek kif inhi imbaghad bejn wiehed u iehor isir l-arrangament biex inti tircievi l-pirmli"*[11]*.* In kontro-ezami jghid li *nurse* li m'ghandux il-kartuna l-griza ma jistghax jaqbad u jiehu minn jeddu minghajr awtorita ta' hadd pero irid ikellem lin-*nursing officer*. Jghid ukoll li jrid dejjem ikollok ricetta.

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta li l-imputata minn jeddha, u minghajr awtorizzazzjoni, qabdet u hadet l-affarijiet li nstabu fil-vettura taghha meta kienet qed issir spezzjoni. Ma jirrizultax lanqas li l-imputata kellha ricetta sabiex tiehu dawn l-affarijiet. Din tar-ricetta jsemmiha wkoll l-uniku xhud prodott mid-difiza. Apparti minn dan, kien ikun ferm ahjar li l-imputata, li tghid li kellha bzonn l-affarijiet li nstabu fuqha b'mod urgenti, li ssegwi l-proceduri normali li kellhom isiru. Minn l-affarijiet li nstabu fuq l-imputata kien **biss** l-*inhaler* li hija talbet li tinghata. Jigifieri, l-affarijiet l-ohra li nstabu fuqha ma kienux urgenti? Il-Qorti tistaqsi: mis-sensiela ta' affarijiet li nstabu fuq l-imputata, hu kemm hu l-valur taghhom, ma setghetx tistenna gurnata ohra, u mhux dik tal-gurnata tal-Hadd, biex tkun tista' issegwi l-procedura li kien hemm bzonn biex tkun tista' tiehu l-affarijiet?

[10] *Fol.* 46 tal-process.
[11] *Fol.* 47 tal-process.

Illi l-imputata tinsab addebitata b'zewg b'imputazzjonijiet: b'dik ta' serq kwalifikat bil-hin u bil-persuna u b'dik ta' ricetazzjoni.

Illi jirrizulta mill-provi prodotti li l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata huma alternattivi ghal xulxin u li l-imputazzjoni rigward ricetazzjoni hija alternattiva ghall-imputazzjoni rigward serq.

Serq

Riferenza sejra ssir ghad-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anthony Borg Inguanez** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Awissu 1998 fejn inghad is-segwenti:

"L-Ewwel Qorti korrettement irriteniet li d-definizzjoni ta' serq komunement abbraccjata fil-gurisprudenza taghna hi dik tal-Carrara u cioé:

"La contrettazione [...] dolosa della cosa altrui, fatta "invite dominio", con animo di farne lucro"

(ara **Il-Pulizija vs. Carmelo Felice**, 10/1/42, **Il-Pulizija vs. Pawlu Scicluna et**, 9/12/44, it-tnejn Appelli Kriminali). Izda din id-definizzjoni hi ukoll suggetta ghall-interpretazzjoni dottrinali u gurisprudenzjali. Kif jispjega l-Manzini b'referenza ghad-definizzjoni ta' serq moghtija fl-Artikolu 624 tal-*Codice Rocco*:

*"Obiettivament, possono essere "altrui" soltanto quelle cosec he costituiscono attualmente oggetto di proprietà o di altro diritto reale. Soggettivamente, e nel senso della nozione del furto, è "altrui" la cosa che è in proprietà e in possesso di una persona diversa da quella che se ne impossessa, e parimenti la cosa che, pur essendo in proprietà di chi sottraendola se ne impossessa, si trova, di diritto o di fatto, nel potere d'altri che abbia facoltà di usarne o di disporne altrimenti. In questo senso una cosa può essere contemporaneamente propria ed altrui"* (Manzini, V., Trattato di Diritto Penale Italiano (Nuvolone, P. e Pisapia G.D., ed.), UTET, 1984, Vol. IX, para. 3229)"

Illi, tenut kont ta’ dak li ghadu kemm inghad hawn fuq, u dana b’mod partikolari ghall-fatt ta’ kif l-imputata irrizulta li hadet il-medicina li nstabu fuqha dakinhar tat-tfittxija, u dana minghajr awtorizzazzjoni ta’ hadd, u anke minkejja li setghet kienet intitolota ghal dawk l-affarijiet, il-Qorti tinnota li l-imputazzjoni ta’ serq migjuba fil-konfront tal-imputata, bl-aggravji indikati, giet sodisfacentment pruvata.

Dwar il-piena:

Illi meta l-Qorti ser tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputata, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom is-segwenti: il-fatt li hija ghandha fedina penali nadifa[12], il-valur zghir tal-affarijiet misruqa u dak li wassal lill-imputata tiehu dawn l-affarijiet.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Artikoli 261(f), 261(d), 268(d) u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputata hatja tal-ewwel imputazzjoni migjuba kontra taghha izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tillibera lill-imputata bil-kundizzjoni li ma tikkommettiex reat iehor fi zmien sentejn mil-lum. Peress illi t-tieni imputazzjoni [dik ta’ ricetazzjoni] hija alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni [dik ta’ serq) li taghha l-imputata qed tinstab hatja, tasjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni.

Il-Qorti twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta’ liberta’ kundizzjonata.

[12] *Fol.* 13 tal-process.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------